L-EWWEL VJAGG MISSJUNARJU TA' SAN PAWL

IS-SENA 32 AD

Il-persekuzzjoni ta' Pawlu kontra l-insara

Stiefnu, li l-isem tieghu grieg jfisser "kuruna", jigi mhaggar ghaliex hu jaghti xiehda ghal Kristu. Huwa kien wiehed mill-ewwel djakni maghzula mill-mexxejja tal-knisja biex jaqdu lir-romol u lill-fqar u huwa kunsidrat bhala l-ewwel martri. Zaghzugh zelanti jismu Sawlu (Pawlu ta' Tarsu) jikkonsenti u jaghmilha ta' xhud ghall-mewt ta' Stiefnu u aktar tard huwa jmexxi persekuzzjoni kontra dawk li jemmnu fi Kristu. ***[Atti:8:3]*** *Sadattant Sawl kien qiegħed jagħmel ħerba mill-Knisja; kien jidħol minn dar għal oħra, jaqbad irġiel u nisa u jitfagħhom il-ħabs*.

IS-SENA 33 AD

Il-konverzjoni ta' San Pawl

Sawlu jircievi l-awtorita' bil-miktub minghand il-Qassis il-Kbir (Sanhedrin) biex jmur gewwa Damasku jfittex lil dawk li jemmnu fi Kristu. Ghandu s-setgha li jarresthom u jgibhom Gerusalemm biex jigu istharrga u moghtija kastig. **[Atti:9:1]** Sawl, li kien għadu bil-qawwa kollha jhedded bil-mewt lid-dixxipli tal-Mulej, mar għand il-qassis il-kbir ***[Atti:9:2]*** *u talbu jagħtih ittri għas-sinagogi ta' Damasku, biex ikun jista' jaqbad l-irġiel u n-nisa kollha li jsib miexja fit-Triq tal-Mulej u jeħodhom marbuta Ġerusalemm*

Sawl akkumpanjat minn ohrajn, jivvjaga lejn Damasku u hekk kif joqrob lejn il-belt dawl qawwi jwaqqghu fl-art. ***[Atti:9:3]*** *Huwa u sejjer, kif qorob lejn Damasku, f'daqqa waħda idda madwaru dawl mis-sema.* ***[Atti:9:4]*** *Waqa' fl-art, u sama' leħen jgħidlu: "Sawl, Sawl, għaliex qiegħed tippersegwitani?"*

Sawlu jaghma u shabu jmexxuh lejn il-belt. Gesu' jispira lid-dixxiplu jismu Ananija biex jmur izur lil Sawl u jfejqu minn nuqqas ta' dawl. Wara l-fejqan Sawlu jitghammed u jircievi l-Ispirtu Qaddis t'Alla. ***[Atti:9:17]*** *Ħananija telaq lejn id-dar ta' Ġuda, daħal, qiegħed idejh fuq Sawl u qallu: "Sawl, ħija, il-Mulej Ġesù, li deherlek fit-triq inti u ġej hawn, bagħatni biex terġa' tieħu d-dawl u timtela bl-*

Ispirtu s-Santu." ***[Atti:9:18]*** *F'daqqa waħda waqa' bħal qxur minn għajnejh u raġa' beda jara. Mbagħad qam u tgħammed*

Sawlu jibqa' Damasku u jibda jippridka lil Gesu, imma meta l-insara jsiru jafu bil-pjan li Sawlu kellu jigi maqtul, jghinuh biex jahrab mill-belt billi nizzlu mis-swar permezz ta' qoffa. Huwa jmur fl-Arabja biex jipprepara ruhu ghall-missjoni appostolika kif jgharraf lil nies ta' Galazja f'wahda mill-ittri tieghu. (GALATIN 1:11-12, 15-18).

IS-SENA 36 AD

L-ewwel zjara ta' Pawlu gewwa Gerusalemm wara l-konverzjoni tieghu.

Wara li ghamel tlett snin gewwa l-Arabja, Pawlu jmur lura Damasku fir-Rebbiegha tas-sena 36 AD(Galatians 1:17). Wara jerhilha lejn Gerusalemm u joqghod hemm 15 il-jum.. Jipprova jithallat ma' nies konvertiti ohra izda kulhadd jaharbu ghax jissuspettah ***[Atti:9:26]*** *Meta wasal Ġerusalemm beda jfittex li jissieħeb mad-dixxipli. Imma lkoll kienu jibżgħu minnu, għax ma kinux emmnu li tassew ikkonverta*. Ried ikun Barnaba, dixxiplu maghruf fost l-insara li jiehu lil Pawlu ghand l-Appostli u jaghmel tajjeb ghalih li kien bniedem li kkonverta. ***[Atti:9:27]*** *Mbagħad Barnaba qabdu u ħadu miegħu għand l-appostli. Hu qalilhom kif Sawl kien ra lill-Mulej fit-triq u semgħu jkellmu, u kif f'Damasku kien tkellem b'wiċċu minn quddiem fl-isem ta' Ġesù.*

IS-SENA 36 – 40.

Sawlu kien jghallem lil Kristu gewwa Gerusalemm quddiem kulhadd u l-Lhud riedu jnehhuh minn nofs izda l-insara nizzluh Cesarea u baghtuh lejn Tarsu u hemm baqa' ghal 4 snin. ***Atti:9:30]*** *Meta l-aħwa saru jafu b'dan, niżżluh lejn Ċesarija u bagħtuh Tarsu.*

IS-SENA 40 AD

Barnaba jitlob l-ghajnuna ta’ Pawlu.

Id-dixxiplu Barnaba jivvjagga lejn Tarsu biex jitlob l-ghajnuna ta’ Pawlu ghan-nies konvertiti ta’ Antiokja. Pawlu u Barnaba jdumu Antiokja ghal sena shiha. ***[Atti:11:25]*** *Mbagħad hu telaq lejn Tarsu jfittex lil Sawl,* ***[Atti:11:26]*** *u, meta sabu, ħadu Antjokja. Għaddew sena sħiħa flimkien fil-knisja, u għallmu kotra kbira ta' nies. Kien f'Antjokja li d-dixxipli għall-ewwel darba sejjħulhom 'Kristjani'.*

IS-SENA 44 AD

Gabru ikel ghal dawk li kienu qed isofru l-guh gewwa l-Lhudija u hadu huma personali lin-nies fil-bzonn. ***[Atti:11:30]*** *Hekk għamlu; u bagħtu l-għajnuna għand il-presbiteri ma' Barnaba u ma' Sawl.*

Imbaghad Pawlu u Barnaba flimkien ma’ Gwann Mark irritornaw lejn Antiokja. ***[Atti:12:25]*** *Barnaba u Sawl, wara li temmew il-ministeru tagħhom f'Ġerusalemm, reġgħu lura u ħadu magħhom lil Ġwanni, li jgħidulu wkoll Marku.*

IR−REBBIEGHA TAS−SENA 44 AD.

L-Appostlu Pawlu jibda l-ewwel vjagg missjunarju tieghu.

Minn Antiokja Pawlu, Barnaba u Gwanni Mark jibda l-ewwel vjagg missjunarju tieghu. (Atti Kap 13 versi 4 – 52) (Atti Kap 14 versi 1-25).

Minn Antiokja nizlu lejn Selewkja u bil-bahar ghamlu vjagg sa ma waslu Salamina gewwa Cipru u baqghu nizlin sa Pafos. ***[Atti:13:4]*** *Għalhekk huma, mibgħuta mill-Ispirtu s-Santu, niżlu Selewkja, u minn hemm telqu bil-baħar għal Ċipru.* ***[Atti:13:5]*** *Meta waslu Salamina, bdew ixandru l-kelma ta' Alla fis-sinagogi tal-Lhud. Kellhom magħhom lil Ġwanni jgħinhom.* ***[Atti:13:6]*** *Qasmu l-gżira kollha sa Pafos. Hawnhekk iltaqgħu ma' wieħed Lhudi, jismu Barjesu, saħħar u profeta falz,* ***[Atti:13:7]*** *li kien mal-prokonslu Serġju Pawlu. Dan, raġel mogħni bid-dehen, bagħat għal Barnaba u għal Sawl u ried jisma' mingħandhom il-kelma ta' Alla.*

[Atti:13:8] *Iżda Elima s-saħħar - għax hekk ifisser ismu - waqfilhom u beda jfittex li jbiegħed lill-prokonslu mill-fidi.* ***[Atti:13:9]*** *Mbagħad Sawl, li jismu wkoll Pawlu, mimli bl-Ispirtu s-Santu, waħħal għajnejh fih* ***[Atti:13:10]*** *u qallu: "Ja bniedem mimli b'kull qerq u ħażen, bin ix-xitan u għadu ta' kull ma hu sewwa, qatt m'int se tieqaf tgħawweġ it-triqat dritti tal-Mulej?* ***[Atti:13:11]*** *Imma issa, ara, id il-Mulej se tilħqek: int tagħma, u għal xi żmien ma tarax id-dawl tax-xemx." Minnufih waqa' fuqu ċpar u dlam, u beda jdur u jfittex lil min imexxih minn idejh.* ***[Atti:13:12]*** *Xħin il-prokonslu ra x'ġara, emmen u baqa' mistagħġeb bit-tagħlim tal-Mulej.*

Minn Pafos waslu Perge fil-Pamfilja. Hawn Gwann Mark ihalli lil Pawlu u lil Barnaba u jirritorna lejn Gerusalemm. ***[Atti:13:13]*** *Pawlu u sħabu telqu bil-baħar minn Pafos u waslu Perge fil-Pamfilja. Hawn Ġwanni ħalliehom u raġa' lura lejn Ġerusalemm.*

Minn Perge Pawlu u Barnaba jterrqu lejn Antiokja tal-Pisidja u wara lejn l-ibliet ta' Ikonjum, Lystra u Derbe. Meta jispiccaw jippridkaw l-evangelju gewwa Derbe, jmorru lura minnLystra, Ikonjum, Antiokja ta' Pisidja u Perge biex isahhu lil fidili fil-fidi ta' Kristu. ***[Atti:14:21]*** *Huma xandru l-Evanġelju f'dik il-belt u għamlu ħafna dixxipli. Fi triqthom lura, għaddew minn Listra, Ikonju u Antjokja,* ***[Atti:14:22]*** *jagħmlu l-qalb lid-dixxipli u jħeġġuhom biex jibqgħu fil-fidi, għaliex, kif kienu jgħidulhom, jeħtiġilna nbatu ħafna biex nidħlu fis-Saltna ta' Alla.* ***[Atti:14:23]*** *Għamlulhom ukoll presbiteri f'kull Knisja, u bit-talb u s-sawm ħallewhom f'idejn il-Mulej, li fih kienu emmnu.* ***[Atti:14:24]*** *Mbagħad għaddew minn Pisidja u ġew fil-Pamfilja.* ***[Atti:14:25]*** *Wara li xandru l-kelma f'Perġe, niżlu Attalija.*

Minn Attalja bahhru lejn Antiokja. ***[Atti:14:25]*** *Wara li xandru l-kelma f'Perġe, niżlu Attalija;* ***[Atti:14:26]*** *minn hemm marru bil-baħar lejn Antjokja, mnejn kienu bagħtuhom u rrikkmandawhom f'idejn il-grazzja ta' Alla għax-xogħol li temmew.*

Pawlu u Barnaba damu gewwa Antiokja kwazi tlett snin mill-harifa tas-sena 46AD sa tar fis-sajf tas-sena 49 AD. ***[Atti:14:26]*** *minn hemm marru bil-baħar lejn Antjokja, mnejn kienu bagħtuhom u rrikkmandawhom f'idejn il-grazzja ta' Alla għax-xogħol li temmew.* ***[Atti:14:27]*** *Meta waslu, laqqgħu l-membri tal-Knisja u qagħdu jgħarrfuhom b'dak kollu li Alla għamel magħhom, u wrewhom kif fetaħ il-*

bieb tal-fidi għall-pagani. ***[Atti:14:28]*** *Hemm qagħdu għal ftit żmien sewwa mad-dixxipli.*

DAN L-EWWEL VJAGG MISSJUNARJU TA' Pawlu dam kwazi erba' snin. Tul dan iz-zmien Pawlu vvjagja madwar 1,400 mil.